



Kunsill Ewropew

Brussell, 15 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

EUCO XT 20011/17

BXT 69
CO EUR 27
CONCL 8

NOTA TA' TRASMISSJONI

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (Art. 50) (15 ta' Diċembru 2017) - Linji gwida

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-linji gwida adottati mill-Kunsill Ewropew¹ fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

¹ Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li hieġ m'għandux jipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew f-deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

1. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress miksub matul l-ewwel fażi tan-negozjati kif rifless fil-Komunikazzjoni mill-Kommissjoni¹ u fir-Rapport Kongunt² u jiddeċiedi li huwa biżżejjed biex tinbeda t-tieni fażi marbuta mat-transizzjoni u l-qafas għar-relazzjoni futura. Hu jitolb lin-negozjatur tal-Unjoni u lir-Renju Unit biex ilestu l-ħidma fuq il-kwistjonijiet kollha tal-ħruġ, inkluż dawk li għadhom ma ġewx indirizzati fl-ewwel fażi, f'konformità mal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April 2017, biex jikkonsolidaw ir-riżultati miksuba, u jibdew ifasslu l-partijiet rilevanti tal-Ftehim dwar il-ħruġ. Huwa jissottolinja li n-negozjati fit-tieni fażi jistgħu jimxu 'l quddiem biss jekk l-impenji kollha meħuda fl-ewwel fażi jiġu rrispettati b'mod sħiħ u tradotti b'mod preċiż f'termini legali malajr kemm jista' jkun.
2. Il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April 2017 jibqgħu japplikaw fl-intier tagħhom u għandhom ikunu rrispettati fin-negozjati ta' matul it-tieni fażi li jindirizzaw l-arranġamenti transizzjonali kif ukoll il-qbil globali dwar il-qafas tar-relazzjoni futura.
3. F'dak li għandu x'jaqşam mat-transizzjoni, il-Kunsill Ewropew jinnota l-proposta mressqa mir-Renju Unit għal perijodu ta' transizzjoni ta' madwar sentejn, u jaqbel li jinnegozja perijodu ta' transizzjoni li jkopri l-acquis kollu tal-UE, filwaqt li r-Renju Unit, bħala pajjiż terz, la mhu ser jibqa' jipparteċipa fl-istituzzjonijiet tal-UE jew jinnomina jew jeleġġi l-membri tagħhom, u lanqas mhu ser jieħu sehem fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni.

¹ Komunikazzjoni mill-Kommissjoni lill-Kunsill Ewropew (Artikolu 50) dwar l-istat ta' progress tan-negozjati mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, COM (2017) 784 final.

² Rapport konġunt min-negozjaturi tal-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit dwar il-progress matul l-ewwel fażi tan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE dwar il-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

4. Tali arranġamenti transizzjonali, li ser ikunu parti mill-Ftehim dwar il-*Ħruġ*, iridu jkunu fl-interess tal-Unjoni, definiti b'mod ċar u limitati b'mod preċiż fiż-żmien. Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali bbażati fuq l-applikazzjoni tal-istess regoli fis-Suq Uniku kollu, il-bidliet għall-acquis adottati mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE ser ikollhom japplikaw kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-UE. Ser japplikaw ukoll l-istrumenti u l-istrutturi regolatorji, baġitarji, superviżorji, ġudizzjarji u ta' infurzar eżistenti kollha tal-Unjoni, inkluż il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Peress li r-Renju Unit ser jibqa' jieħu sehem fl-Unjoni Doganali u s-Suq Uniku (bl-erba' libertajiet kollha) matul it-transizzjoni, huwa ser ikollu jkompli jikkonforma mal-politika kummerċjali tal-UE, japplika t-tariffi doganali tal-UE u jiġbor id-dazji doganali tal-UE, u jiżgura li jkunu qed isiru l-verifiki kollha tal-UE fil-fruntiera vis-à-vis pajjiżi terzi oħra.
5. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa għal dan il-għan, u lill-Kunsill biex jadotta direttivi ta' negozjar addizzjonali dwar l-arranġamenti transizzjonali f'Jannar 2018.
6. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid ix-xewqa tiegħu li jistabbilixxi sħubija mill-qrib bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Filwaqt li ftehim dwar relazzjoni futura jista' jiġi ffinalizzat u konkluż biss ladarba r-Renju Unit ikun sar pajjiż terz, l-Unjoni ser tkun lesta tinvolvi ruħha f'diskussjonijiet preliminari u preparatorji bil-għan li jiġi identifikat qbil ġenerali dwar il-qafas għar-relazzjoni futura, ladarba jkunu ġew adottati linji gwida addizzjonali għal dan il-għan. Dan il-qbil jenħtieġ li jiġi elaborat f'dikjarazzjoni politika li takkumpanja l-Ftehim dwar il-*Ħruġ* u tisemma fih.
7. L-Unjoni tieħu nota tal-fatt li r-Renju Unit sqarr l-intenzjoni tiegħu li ma jkomplix jieħu sehem fl-Unjoni Doganali u s-Suq Uniku wara t-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, u l-Kunsill Ewropew ser jiżen l-approċċ tiegħu b'rabta mal-kooperazzjoni fin-negozju u l-ekonomija fid-dawl ta' din il-pożizzjoni sabiex jiżgura bilanċ ta' drittijiet u obbligi, jippreserva l-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, jevita li jxekkel ir-relazzjonijiet eżistenti ma' pajjiżi terzi oħra, u jħares il-prinċipji l-oħra kollha stipulati fil-linji gwida tiegħu tad-29 ta' April 2017, b'mod partikolari l-ħtieġa li l-integrità u l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku jiġu preservati.

8. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid li jinsab lest li jistabbilixxi sħubijiet f'oqsma mhux relatati mal-kooperazzjoni fin-negozju u l-ekonomija, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità internazzjonali, kif ukoll is-sigurtà, id-difiża u l-politika barranija.
 9. Il-Kunsill Ewropew ser ikompli jsegwi n-negozjati mill-qrib u ser jadotta linji gwida addizzjonali f'Marzu 2018, b'mod partikolari b'rabta mal-qafas għar-relazzjoni futura. Huwa jappella lir-Renju Unit biex jipprovdi aktar ċarezza dwar il-pożizzjoni tiegħu fuq il-qafas għar-relazzjoni futura. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill (Art. 50) flimkien man-negozjatur tal-Unjoni biex ikompli bid-diskussjonijiet preparatorji interni, inkluż dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas għar-relazzjoni futura.
-